**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 13 ta' Jannar, 2016**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 550/2015**

**L-Avukat Dr. Ian Vella Galea bhala mandatarju specjali ta' Cargo-Partner Expeditii S.R.L. (RO13499400) ta' S.O.S. Bucuresti-Ploiesti Nr. 42-44, Cladirea B Aripa B2, ETAJ 1, Bucuresti Sector 1, RO-013696, Romania**
**vs**

**TBC Investors Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-8 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

1. Illi ai termini ta' kuntratt datat id-disgha (9) ta' Mejju 2014 (kopja annessa bhala Dok. A) is-socjeta intimata obbligat ruhha li tikkonsenja containers lis-socjeta rikorrenti Cargo-Partner Expeditii S.R.L. skont it-termini u l-modalitajiet stipulati fl-istess kuntratt;

2. Illi ai termini tal-imsemmi kuntratt is-socjeta rikorrenti ordnat container minghand is-socjeta intimata u halset lis-socjeta intimata l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000) akkont tal-istess konsenja;

3. Illi nonostante li gie effettwat l-imsemmi hlas, is-socjeta intimata naqset milli tikkonsenja l-container kif miftiehem u ghalhekk is-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata sabiex tirrifondi l-imsemmi ammont inter alia permezz ta' ittra legali (hawn annessa bhala Dok. B);

4. Illi wara tali ittra, is-socjeta intimata halset u rrifondiet lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) akkont tal-ammont intier imsemmi ta' €21,000 dovut lis-socjeta rikorrenti;

5. Illi nonostante li s-socjeta rikorrenti regghet interpellat lis-socjeta intimata sabiex thallas il-bilanc rimamenti ta' dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500) inter alia b'ittra ufficjali (kopja hawn annessa bhala Dok. C), is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi l-ammont dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti hu dejn cert, likwidu u dovut u s-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq fir-rigward tat-talbiet rikorrenti;

8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti noe jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500);

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500).

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, a karigu tas-socjeta intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016;

Semghet ix-xhieda bil-gurament id-difensur legali tas-socjeta attrici fejn ikkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu sallum mhux imhallas u ghalhekk ghadu dovut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500), rapprezentanti bilanc rimanenti ghall-konsenja ta' container, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur